PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

30.9.2008

DOKUMENT TA' ĦIDMA Nru 2

dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2008)0069 It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea

Parti II: L-approċċ komparattiv u l-kwistjonijiet involuti

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jeanine Hennis-Plasschaert

1. Programmi f'pajjiżi terzi: il-mudell tal-Istati Uniti

Wieħed ma jistax jiċħad li jeżisti xebħ ċar bejn il-miżuri mressqa fil-Komunikazzjoni u l-Programm tal-Istati Uniti dwar it-Teknoloġija li jindika l-istatus tal-viżitaturi u tal-immigranti magħruf bħala l-programm US-VISIT. L-għanijiet tal-US-VISIT huma li titjieb is-sigurtà taċ-ċittadini u l-viżitaturi fl-Istati Uniti, li jiġi faċilitat l-ivvjaġġar u l-kummerċ leġittimu, tiġi żgurata l-integrità tas-sistema tal-immigrazzjoni tal-Istati Uiti, u tkun protetta l-privatezza tal-viżitaturi. Il-programm US-VISIT għandu jilħaq dawn l-għanijiet billi:

- Tinġabar, tinżamm u tinqasam informazzjoni dwar ċerti ċittadini barranin li jidħlu u joħorġu mill-Istati Uniti;
- Jiġu identifikati ċittadini barranin li (1) damu aktar milli suppost jew kisru l-kundizzjonijiet taż-żjara tagħhom, (2) jistgħu jirċievu, jestendu jew jirranġaw l-istatus ta' immigrazzjoni tagħhom jew (3) għandhom jiġu arrestati jew miżmuma mill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi;
- Jiġu identifikati dokumenti foloz tal-ivvjaġġar, tiġi verifikata l-identità tal-viżitatur u tiġi determinata l-ammissibilità tal-viżitatur permezz ta' l-użu tal-bijometrika (marki tas-swaba diġitali u ritratti diġitali);
- Jiġi ffaċilitat il-qsim ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni fi ħdan il-komunità ta' ġestjoni tal-immigrazzjoni u l-fruntieri.

Wara stqarrijiet formali mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti (bħal 'pajjiżi oħra qegħdin jadottaw il-mudell tal-programm US-VISIT biex itejbu s-sistemi tagħhom tal-ġestjoni tal-fruntieri'; [...] 'aħna qegħdin naħdmu ma' dawn il-pajjiżi biex naqsmu l-aħjar prattiċi u nersqu lejn approċċ komuni li jwassal għal ivvjaġġar globali sikur' [...] u 'hekk kif jevolvu mezzi teknoloġiċi ta' ġbir u użu tal-bijometrika, wieħed jista' jibni fuq il-kapaċitajiet stabbiliti'), ir-rapporteur tagħkom tixtieq titlob lill-Kummissjoni Ewropea (KE) biex tikkummenta b'mod dettaljat fuq it-taħditiet li għaddejjin mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti. Ovvjament, hija tirrikonoxxi li soċjetajiet u swieq miftuħa jiddependu ħafna fuq strutturi sikuri u ta' min joqgħod fuqhom u għalhekk mhijiex qiegħda tiddubita l-ħtieġa għal djalogu kontinwu u li ma jieqafx ma' pajjiżi terzi, iżda temmen li djalogu bħal dan għandu jkun trasparenti f'kull ħin. Dwar dan, ir-rapporteur tagħkom tixtieq ukoll tenfasizza l-ħtieġa li jitjieb il-livell ta' dibattitu politiku bejn il-leġizlaturi Ewropej u dawk tal-Istati Uniti.

Ir-rapporteur tagħkom tqis li huwa ta' importanza kbira li jiġu kkunsidrati l-lezzjonijiet mgħallma fl-Istati Uniti. Ir-rapporti relevanti pprovduti mill-Uffiċċju Governattiv ta' Kontabilità tal-Istati Uniti (GAO) huma għalhekk partikolarment interessanti. Skond ir-rapport reċenti tal-GAO 'wara li ġew investiti madwar 1.3 biljun dollaru fuq perjodu ta' 4 snin, id-DHS ipprovda essenzjalment nofs il-programm US-VISIT, jiġifieri li kapaċitajiet bijometriċi għad-dħul qegħdin joperaw fi kważi 300 port tad-dħul bl-arju, bil-baħar u bl-art (POEs) iżda l-kapaċitajiet simili ta' tluq mhumiex joperaw'. Matul l-istess perjodu 'kapaċitajiet operattivi għad dħul ġew irrappurtati li kellhom effett, inkluži aktar minn 1,500 persuna b'azzjonijiet avversi meħuda kontrihom inkluża ċ-ċaħda tad-dħul.'[1] Dan jissuġġerixxi, kif indikat mis-Supervizur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) fil-

[1] GAO, Xhieda quddeiem is-Sottokumitat dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu fil-Fruntieri, Marittimu u Globali, il-Kumitat dwar is-Sigurtà Interna, Kamra tar-Rappreżentanti, 28 ta' Ġunju 2007, "Prospetti tal-Kapaċità ta' tluq bil-programm US-VISIT Bijometriku Jibqgħu Mhux Ċari", GAO-07-1044T.

kummenti tiegħu dwar il-miżuri ppreżentati fil-Komunikazzjoni, 'li mhijiex garantita l-effettività tal-ispiża ta' sistema bħal dik u li aspetti ekonomiċi għandhom jibbenefikaw ukoll minn konsiderazzjoni bir-reqqa ta' esperjenzi miksuba f'pajjiżi oħra'.[2]

2. Protezzjoni tad-Dejta

L-hekk imsejħa tliet blokki ġodda ta' bini ser jinvolvu, bla dubju, 'operazzjonijiet kbar ta' pproċessar ta' dejta personali, b'invażjoni sinifikanti tal-privatezza'[3] u jistgħu 'jikkonsistu f' [...] l-għoti ta' "marka" lill-individwi fuq il-bażi ta' evalwazzjoni preventiva ta' riskju jew għamla ta' profil'.[4] Għalhekk hija ħaġa tal-iskantament kif l-KE ma kkonsultatx l-EDPS u l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma, qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni. Il-KE għandha tintalab li tagħmel dan għal kull azzjoni li tirriżulta minn din il-Komunikazzjoni. L-istess jista' jingħad għall-proposti oħra kollha futuri fejn irid isir l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' dejta u/jew il-ġbir, il-konsultazzjoni u l-qsim possibbli jew il-ġabra flimkien ta' din id-dejta. F'dan il-kuntest għandu jiġu evalwat ukoll liema huma 'l-aktar teknoloġiji li huma l-inqas invażivi li jistgħu jimminimizzaw l-ipproċessar tad-dejta personali u jistgħu jipprovdu sigurtà ikbar skond l-"approċċ maħsub ta' privatezza." '[5]

3. Qsim ta' dejta ma' pajjiżi terzi

Jekk l-UE tiddeċiedi dwar il-qsim ta' dejta mal-Istati Uniti, għandu jsir qbil għal kull strument dwar arranġamenti speċifiċi li juru d-dettalji (bħal perjodu taż-żamma, persuni li jingħataw aċċess, protezzjoni speċjali dwar dejta sensittiva, possibilitajiet ta' kumpens). Għandu jkun ċar li l-*prinċipji* tal-protezzjoni tad-dejta, li bħalissa qegħdin jiġu 'negozjati' fi ħdan il-qafas tal-Grupp ta' Kuntatt ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Istati Uniti (HLCG), ma jkollhom ebda status formali u għalhekk ebda saħħa ta' liġi. Tabilħaqq, kif iddikjarat mill-Kummissarju Barrot, il-prinċipji ma jkunu qatt dettaljati biżżejjed biex isolvu każijiet partikolari hekk kif isir il-ġbir ta' informazzjoni għal għanijiet politiċi speċifiċi.

Bħalissa, ir-rapporteur tagħkom għandha tħassib dwar l-ESTA tal-Istati Uniti. Filwaqt li l-awtoritajiet tal-Istati Uniti għamluha ċara li d-dejta miġbura skond il-liġi tal-Istati Uniti minn dawk li jridu jidħlu fl-Istati Uniti mhijiex soġġetta għal negozjar, ir-rapporteur tagħkom taħseb li l-UE għandha tapplika l-istess skrutinju dwar l-użu tad-dejta mill-Istati Uniti bħal ma qegħdin jagħmlu l-UE u l-Istati Membri tagħha (jew aħjar suppost li qegħdin jagħmlu) fi ħdan l-UE. Hija għalhekk tinsisti li hija ta' importanza kbira li jkun hemm approċċ koerenti u qawwi, b'vuċi waħda li titkellem f'isem l-UE minflok sebgħa u għoxrin vuċi.

F'dan il-kuntest, il-mistoqsijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fil-kuntest tal-ESTA tal-Istati Uniti mqajma mill-UE fl-ittra tagħha tal-4 ta' Awwissu 2008 (għall-attenzjoni tas-Sur Chertoff, Segretarju tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti) huma perfettament leġittimi. Madankollu wara li qrat it-tweġiba tal-Istati Uniti tal-15 ta' Settembru 2008, ir-rapporteur tagħkom tibża' li nistgħu ma nirċivux tweġibiet sodisfaċenti fil-ħin. Ir-rapporteur tagħkom hija wkoll imħassba dwar il-fatt li l-KE (apparentement) ma tistax tagħti tweġiba sodisfaċenti

[2] Kummenti preliminari mill-EDPS dwar COM(2008) 69 finali, 3 ta' Marzu 2008, p. 4.
[3] Ibid (n2), p. 1.
[4] Kummenti konġunti dwar l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja fil-Komunikazzjoni COM(2008) 69 finali adottat fid-29 t'April 2008, WP 149, p. 4.
[5] Ibid (n 4), p. 5.

għall-mistoqsijiet magħmula mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti (pereżempju kif dejta, miġbura permezz ta' reġistrazzjoni fil-formoli tal-lukandi biex ikun hemm rekord tal-vjaġġaturi barranin, qiegħda tintuża mill-qawwiet tal-pulizija Ewropej). Barra minn hekk, ir-rapporteur tagħkom tixtieq tingħata risposta dettaljata u konkreta dwar l-istqarrija tas-Sur Chertoff fl-ittra tiegħu tal-15 ta' Settembru li 's-sistemi Ewropej joperaw mingħajr it-trasparenza ta' sistema ta' Notifiki ta' Rekords u Evalwazzjonijiet ta' Impatt dwar il-Privatezza, fatt li jfixkel lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti u l-ħila taċ-ċittadini biex ikunu jafu d-drittijiet tagħhom u kif id-dejta tagħhom qiegħda tiġi pproċessata fl-Ewropa'.

4. Bijometrika

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) tuża tliet tipi ta' identifikaturi bijometriċi: ir-rikonoxximent tal-wiċċ, tal-marki tas-swaba' u tal-ħabba tal-għajn.

Ir-rapporteur tagħkom hija konxja tal-fatt li l-bijometrika hija sistema ta' identifikazzjoni personali teoretikament effettiva għaliex il-karatteristiċi meqjusa huma maħsuba li huma differenti għal kull persuna u li, kuntrarju għall-identifikazzjoni konvenzjonali, huma meqjusa bħala ta' min joqgħod aktar fuqhom għaliex qatt ma jistgħu jintesew u huwa aktar diffiċli li jintilfu, jinsterqu jew ikun imbassra. Fl-istess ħin, hija tixtieq tenfasizza li l-bijoemtrika qatt m'hija assoluta u/jew korretta fil-każijiet kollha, u li t-tipi kollha ta' identifikaturi bijometriċi għandhom vantaġġi u żvantaġġi. Permezz ta' eżempju, studju li sar fl-2005 miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-KE dwar il-Bijometrika fil-Fruntieri: 'l-Evalwazzjoni ta' l-impatt fuq is-Soċjetà (*Biometrics at the Frontiers: Assessing the Impact on Society)* jipprova jagħti stampa ċara tat-tipi differenti ta' identifikaturi bijometriċi u janalizza l-kwistjonijiet li jqumu mill-implimentazzjoni fuq skala kbira tal-bijometrika.'[6]

Ir-rapporteur tixtaq tfakkar ukoll il-fatt - diġà enfasizzat mill-EDPS- li 'għadd ta' persuni ma jkunux jistgħu jipparteċipaw minħabba l-fatt li m'għandhomx marki tas-swaba' li jinqraw jew m'għandhomx marki tas-swaba' '.[7] Hija għalhekk temmen li għandu jkun hemm proċeduri ta' riserva f'kull ħin minħabba li dawn jirrappreżentaw 'protezzjoni essenzjali għall-introduzzjoni tal-bijometrika għaliex dawn la huma aċċessibbli għal kulħadd u lanqas mhuma kompletament eżatti.'[8]

Ir-rapporteur tagħkom tixtieq ukoll tkun taf jekk il-KE hijiex biħsiebha żżomm teknoloġiji oħra bijometriċi bħala għażla futura (il-ħabba tal-għajn) u b'hekk taħdem fuq dejta bijometrika multimodali, pereżempju biex iżżid l-eżattezza u l-effiċjenza ta' każijiet fejn ikun hemm xebħ perfett. Barra minn hekk, hija tixtieq tkun taf jekk hux disponibbli jew jekk hux fil-fażi ta' tħejjija l-protokoll standard għall-użu u l-iskambju ta' informazzjoni bijometrika, kif ukoll ftehim *interface* ta' kontroll biex jiddeskrivi kif ser jintuża l-protokoll,.

5. Konklużjonijiet

L-għan ta' ġestjoni tassew integrata tal-fruntieri huwa leġittimu. Huwa importanti li l-politika komuni tal-UE dwar il-ġestjoni tal-fruntieri tibqa' kontinwament tiżviluppa u tissaħħaħ.

[6] ftp://ftp.jrc.es/pub/EURdoc/eur21585en.pdf.
[7] F'dan il-każ għandu jiġi osservat li l-Programm US-VISIT stabbilixxa żewġ eċċezzjonijiet mill-ġbir bijometriku mit-tfal taħt l-età ta' 14-il sena u minn persuni ta' 'l fuq minn 79 sena.
[8] Ibid (n2) p. 5.

Madankollu, wieħed ma jistax jiċħad li fil-qafas tal-ġesjoni tal-fruntieri u tal-immigrazzjoni, proposti estensivi qegħdin jiżdiedu b'pass tassew mgħaġġel. In-nuqqas ta' *master plan* komprensiv, li jistipula l-istruttura sħiħa tal-istrateġija tal-UE dwar il-fruntieri kif ukoll id-dettalji ta' kif programmi u l-iskemi kollha relatati (li diġà jeżistu, qegħdin jitħejjew jew huma fil-livell ta' żvilupp tal-politika) suppost jaħdmu kollettivament u kif ir-relazzjoni bejn programmi relatati tista' tintuża bl-aħjar mod, jagħmilha tassew diffiċli li tinkiseb stampa ċara.

Ir-rapporteur tagħkom tenfasizza l-ħtieġa l-ewwelnett ta' evalwazzjoni u studju ta' sistemi eżistenti u dawk li qegħdin jitħejjew. Barra minn hekk hija tenfasizza li l-kapaċità tal-UE li tikseb l-għanijiet u r-riżultati strateġiċi tagħha jiddependi ħafna fuq is-suċċess tagħha li tmexxi l-interdipendenzi fost il-programmi relatati. Huwa għalhekk essenzjali li jiġu definiti, ġestiti u koordinati l-programmi ta' ssorveljar tal-fruntieri u l-immigrazzjoni tal-UE b'tali mod li jiġbor il-prattiċi ta' kollaborazzjoni sabiex b'mod effettiv tiżdied l-esekuzzjoni organizzattiva u biex jinkisbu għanijiet u riżultati organizzattivi. Fl-assenza ta' kollaborazzjoni bħal din, hemm riskju kbir ta' duplikar potenzjali. Id-duplikazzjoni u l-inkonsistenza fil-programmi jkollu impatt negattiv fuq l-imġiba organizzattiva u bħala konsegwenza fuq ir-riżultati.

Qabel ma jsir investiment, huwa importanti ħafna li jkun hemm kuntest operattiv definit b'mod ċar biex jiġu allineati l-miżuri kollha u l-inizjattivi emerġenti. Barra minn hekk għandu jkun ċar daqs il-kristall liema faċilità jew modifiki ta' faċilità jkunu meħtieġa biex jiġi assigurat li t-teknoloġija u l-proċessi jaħdmu f'armonija. L-investimenti kollha għandhom ikunu ekonomikament ġustifikati fuq il-bażi tal-benefiċċji, u għandhom jipproduċu valur lill-missjoni. Għalissa, jidher li l-UE għadha nieqsa minn strateġija ċara u definita sew u għalhekk ma tafx jekk hux ser tispiċċa tipproduċi riżultati effettivi fl-ispiża u li kapaċi tħallas tagħhom.

Ir-rapporteur tagħkom tirrikonoxxi li l-bilanċ bejn li jiġi żgurat il-moviment liberu ta' għadd dejjem jikber ta' nies li jaqsmuI l-fruntieri u l-garanzija ta' sigurtà akbar għaċ-ċittadini Ewropej huwa eżerċizzju diffiċli u ma tiċħadx li l-użu tad-dejta joffri vantaġġi ċari. Fl-istess waqt, hija tenfasizza l-fatt li l-fiduċja tal-pubbliku fl-azzjoni tal-gvern tista' tinżamm biss jekk ikun hemm biżżejjed protezzjoni tad-dejta u possibilitajiet ta' kumpens u għalhekk tinsisti dwar koperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta. Għandu jkun hemm f'kull ħin mekkaniżmi adegwati ta' superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta.